MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 245/2010

**Reuben Scicluna (ID 36172M) u martu Brigitte Scicluna (ID 38977M)**

***kontra***

**Maltapost plc ;**
**Segretarju Permanenti Principali fl-Ufficju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-15 ta` Marzu 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti huma mizzewgin u martu Brigitte Sicluna hija ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti.*

*2. Illi r-rikorrenti attur Reuben Scicluna kien impjegat bhala postman fit-12 ta` Settembru 1990 meta dan is-servizz kien immexxi mill-Gvern. Fis-6 ta` Novembru 1998 r-rikorrenti gie appuntat Senior Postperson ;*

*3. Illi sal-4 ta` Novembru 1994 s-servizz postali f`Malta kien jaqa` taht ir-responsabilta` tad-Dipartiment tal-Posta wara liema data giet ikkreata Posta Limited liema kumpannija giet likwidata fl-4 ta` Lulju 1997 ;*

*4. Illi fl-1 ta` Mejju 1998 giet ikkreata Maltapost plc u b`rizultat ta` ftehim li sar bejn il-Gvern, il-Unions u l-Maltapost, il-haddiema tal-Gvern li kienu jaghtu s-servizz taghhom il-Maltapost gew moghtija c-cans sabiex jaghzlu jekk jiehdux impjieg permanenti mal-Maltapost jew jergghu jmorru lura bhala impjegati fis-servizz pubbliku u din l-ghazla riedet issir sat-30 ta` Ottubru 2000 ;*

*5. Illi r-rikorrenti kien iddecieda li jibqa` impjegat mal-Maltapost fit-30 ta` Ottubru 2000 u fit-23 ta` April 2001 huwa gie akkuzat b`importazzjoni ta` droga meta persuna qaltlu biex taghmillu pjacir u tigbrlu pakkett mill-posta, liema pakkett ad insaputa tieghu rrizulta li kien qed jigi nvestigat mill-pulizija dwar droga u gie liberat minn kull htija u piena fit-28 ta` Marzu 2008 permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr. A. Demicoli) ;*

*6. Illi meta r-rikorrenti Reuben Scicluna kien gie akkuzat b`dan ir-reat huwa kien impjegat mal-Maltapost u gie sospiz skond il-ftehim kollettiv tal-istess kumpannija u nghata nofs is-salarju skond l-istess ftehim kollettiv ;*

*7. Illi bi qbil bejn il-unions, il-Gvern u l-kumpannija intimata dawk il-haddiema li kienu fis-Servizz Pubbliku nghataw il-possibilita` fis-sena 2003 li jirritornaw lura fis-Servizz Pubbliku bid-dritt li jzommu s-salarju li kellhom mal-Maltapost u li s-snin li huma hadmu mal-Maltapost jigu kkunsiderati bhala snin ta` servizz mal-Gvern ;*

*8. Illi r-rikorrenti rritorna bhala mpjegat mas-Servizz Pubbliku fl-10 ta` Dicembru 2003 u fit-28 ta` Marzu 2008 huwa kien gie liberat minn kull htija u piena ;*

*9. Illi wara li gie liberat il-Gvern u cioe` l-intimat l-iehor, hallas lir-rikorrenti nofs is-salarju li ma kienx thallas ghal perjodu mill-10 ta` Dicembru 2003 sat-28 ta` Marzu 2008 ;*

*10. Illi gara izda li s-socjeta` konvenuta intimata Maltapost baqghet tirrifjuta li thallas lir-rikorrenti Reuben Scicluna nofs il-paga li l-istess socjeta` zammet ghal perjodu mit-23 ta` April 2001 sad-9 ta` Dicembru 2003 minkejja li meta l-posta saret Maltapost plc skond il-ftehim li kien hemm bejn il-Gvern u s-socjeta` Maltapost plc r-rikorrenti Reuben Scicluna baqa` bl-istess kondizzjonijiet li kellu meta l-posta kienet ghadha dipartiment mal-Gvern ;*

*11. Illi r-raguni ghar-rifjut li qed taghti l-Maltapost hija li tali rifuzjoni trid issir mill-Ufficcju tal-Prim Ministru mentri l-Ufficcju tal-Prim Ministru qed isostni li dan il-hlas ghandu jsir mill-Maltapost ;*

*12. Illi sussegwentement fit-8 ta` Awissu 2008 ir-rikorrenti rcieva komunikazzjoni mill-Maltapost li tghid espressament "I am instructed that the various relevant circumstances such as the passage of time and the*

*nature of the case militate against further consideration being given to reviewing the matter" ;*

*13. Illi ghalkemm interpellati permezz ta` ittra ufficjali ta` (sic) April 2008, il-konvenuti intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex :*

*1. tiddikjara li r-rikorrenti Reuben Scicluna huwa ntitolat ghar-rifuzjoni tan-nofs is-salarju mizmum bejn it-23 ta` April 2001 u d-9 ta` Dicembru 2003 ;*

*2. tillikwida tali hlas ;*

*3. tiddeciedi min mill-intimati huwa responsabbli li jhallas tali rifuzjoni ;*

*4. tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-23 ta` April 2001 u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-(sic) ta` April 2008 kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat ir-risposta tal-kumpannija konvenuta Maltapost plc, li kienet konfermata bil-gurament minn Joseph Gafa`, li kienet prezentata fit-28 ta` April 2010 u li taqra hekk –

*Illi hu debitament awtorizzat biex jirraprezenta lill-intimati u li jaf il-fatti hawn esposti personalment kif ukoll wara indagni ma` min kien ikkoncernat.*

*Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrent huma preskritti bi trapass ta` aktar minn sena jew tmintax-il xahar ai termini tal-Kap. 452 kif ukoll l-Art. 2147 u 2148 tal-Kap. 16 skond il-kaz.*

*Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti mxew skond id-drittijiet taghhom kif jigi muri waqt is-smigh.*

*Illi fi kwalunkwe kaz huma l-intimati l-ohra li huma responsabbli versu r-rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta Maltapost plc.

Rat ir-risposta tal-konvenut Segretarju Permanenti Principali fl-Ufficju tal-Prim Ministru, li kienet prezentata u konfermata bil-gurament mill-Av. Godwin Grima fl-10 ta` Mejju 2010. Ir-riposta taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda u dan peress illi :*

*(i) Ir-rikorrent Reuben Scicluna ma jistax jippretendi mill-esponent rifuzjoni tan-nofs is-salarju mizmum bejn it-23 ta` April 2001 u 9 ta` Dicembru 2003 u dan peress li dak iz-zmien huwa ma kienx impjegat mas-Servizz Pubbliku. F`dan il-perjodu r-rikorrent kien impjegat mal-Maltapost plc.*

*(ii) Meta r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati Gudikatura Kriminali fl-24 ta` April 2001 huwa ma kienx ghadu ufficjal pubbliku in vista tal-fatt li fit-30 ta` Ottubru 2000 huwa kien, minn jeddu, iddecieda li jibqa` impjegat mal-Maltapost plc u kwindi qata` kull rabta mas-Servizz Pubbliku.*

*(iii) Tant dan huwa minnu li meta r-rikorrent tressaq il-Qorti huwa kien gie sospiz abbazi tal-ftehim kollettiv tal-Maltapost plc. Dan sehh peress li r-Regolamenti tad-Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku ma kinux applikabbli ghalih.*

*(iv) Meta fl-10 ta` Dicembru 2003, ir-rikorrent irritorna fis-Servizz Pubbliku minhabba ezercizzju ta` ristrutturazzjoni li twettaq fil-Maltapost plc. in vista tal-fatt li l-kaz tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien ghadu pendenti huwa kien gie interdettjat fuq nofs paga skond kif jipprovdu r-Regolamenti tad-Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku. Dan kollu sehh bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.*

*(v) Hekk kif Reuben Sicluna gie liberat mill-akkuzi kriminali, l-interdizzjoni tieghu tnehhiet mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li rrakkomandat ukoll li l-ammont tas-salarju mizmum waqt l-interdizzjoni kellu jigi rifuz, inghataw struzzjonijiet f`dan is-sens u l-esponent hallas nofs is-salarju li ma kienx thallas ghall-perjodu mill-10 ta` Dicembru 2003 sal-1 ta` Gunju 2008 li hija gurnata qabel id-data meta r-rikorrent irritorna ghad-doveri tieghu. Ghaldaqstant ghall-perjodu meta r-rikorrent kien impjegat mal-Gvern thallas il-paga kollha.*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*Illi in kwantu ghall-fatti dikjarati l-esponent jiddikjara li huwa jaf dwarhom wara li saru d-debiti verifiki mad-dokumentazzjoni rigwardanti r-rikorrent li tinsab fl-ufficcju tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Segretarju Permanenti Principali fl-Ufficju tal-Prim Ministru.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Mejju 2010 u l-provvediment taghha moghti dakinhar fejn ikkonfermat illi r-risposta guramentata tas-Segretarju Permanenti Principali fl-Ufficcju tal-Prim`Ministru kienet validament prezentata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat in-nota ta` Maltapost plc fejn ipprecizat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li tat fir-risposta guramentata taghha fis-sens illi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici kienet qeghda tigi eccepita abbazi tal-Art.2147(a) u l-Art.2148(d) tal-Kap.16 u l-Art.47(1) tal-Kap.452.

Rat id-dokument li kien prezentat mill-attur b`nota fit-18 ta` Mejju 2010 (fol 18 sa fol 21).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Gunju 2010 fejn Maltapost plc iddikjarat illi bi zball kienet eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art.2147(a) meta fil-fatt il-preskrizzjoni eccepita kellha tkun skond l-Art.2147(c). Ghalhekk irrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2147(a) tal-Kap.16.

Rat illi fl-istess udjenza,il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet sabiex iressqu il-provi taghhom kemm dwar il-preskrizzjoni, kif ukoll dwar il-mertu, sabiex tinghata

sentenza wahda, bil-preskrizzjoni tigi deciza b`kapi separati.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur (fol 28 sa fol 29) u d-dokumenti li kienu hemm annessi (fol 30 sa fol 42).

Semghet ix-xiehda ta` Anna Caruana Colombo (fol 47 sa fol 54) ta` Dr. Aaron Zammit Apap (fol 55 sa fol 60) ta` Jennifer Debono (fol 123 sa fol 124) fl-udjenza tat-2 ta` Novembru 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati mix-xhieda fl-istess udjenza (fol 61 sa fol 122 u fol 125 sa fol 126).

Semghet ix-xiehda ta` Gejtu Vella (fol 131 sa fol 139) fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2011.

Rat il-verbal li sar fl-udjenza tal-ahhar fejn il-partijiet qablu li d-dokument esebit a fol 61 sa fol 94 tal-process huwa kopja tal-ftehim industrijali dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol fil-Maltapost plc bejn il-union u l-kumpannija ghaz-zmien indikat.

Rat id-dokument esebit minn Maltapost plc fis-16 ta` Frar 2011 (fol 141 u fol 142).

Rat id-dokument esebit mill-atturi fit-23 ta` Frar 2011 (fol 146 sa fol 169),

Semghet ix-xiehda ta` Tony Zarb (fol 173 sa fol 177) u ta` Dr. Aaron Zammit Apap (fol 245 sa fol 247) fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2011 u rat id-dokumenti li kienu prezentati mill-ewwel xhud fl-istess udjenza (fol 178 sa fol 244).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Mejju 2011 fejn kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar li gej – (1) li ma kienx hemm htiega ta` konferma bil-gurament tad-dokument RB a fol 146 sa fol 169 ; (2) li ghaz-zmien illi l-attur rega` lura fl-impieg mal-Gvern u cioe` mill-10 ta` Dicembru 2003 sat-28 ta` Marzu 2008 huwa thallas nofs is-salarju tieghu mill-Gvern ; (3) li l-attur thallas kull ma kien dovut lilu ghal dak iz-zmien.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Eric Serracino (fol 251 sa fol 252) u d-dokumenti li kienu hemm esebiti (fol 253 sa fol 278).

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Gafa` (fol 280 sa fol 297) fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2011.

Semghet il-kontroezami tax-xhud Eric Serracino (fol 306 sa fol 321) fl-udjenza tal-15 ta` Novembru 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt din l-udjenza (fol 301 sa fol 305 u fol 322 sa fol 328)

Rat illi l-gbir tal-provi kien konkluz f`din l-udjenza tal-ahhar.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. L-isfond

Sal-4 ta` Novembru 1994, is-servizzi postali f`dawn il-Gzejjer kienu jitmexxew mill-Gvern permezz tad-Dipartiment tal-Posta. L-impjegati kollha tad-Dipartiment tal-Posta kienu impjegati tal-Gvern. Wara l-4 ta` Novembru 1994, is-servizzi postali ma baqghux gestiti mill-Gvern direttament izda minn kumpannija li waqqaf il-Gvern bl-isem ta` Posta Limited. Fl-4 ta` Lulju 1997, Posta Limited giet likwidata u r-responsabilita` u t-tmexxija tas-servizzi postali ghaddiet ghall-Ufficcju tal-*Acting Postmaster General.* Dan l-istat baqa` fis-sehh sal-1 ta` Mejju 1998 meta giet saret il-kumpanija Maltapost plc li hadet taht il-kontroll u tmexxija taghha s-servizzi postali ta` dawn il-Gzejjer. Il-gestjoni l-gdida tas-servizz tmexxiet bl-istess impjegati ta` qabel.

L-attur beda l-impieg tieghu mal-Gvern bhala pustier fit-12 ta` Settembru 1990. Fis-6 ta` Novembru 1998 kien promoss ghal *Senior Postperson.* B`rizultat ta` ftehim li sar bejn il-Gvern, l-Unions u l-Maltapost, l-impjegati tal-posta nghataw ghazla : jew li jkollhom impieg permanenti mal-Maltapost jew imorru lura bhala impjegati fis-servizz pubbliku. L-ghazla kellha ssir sat-30 ta` Ottubru 2000. L-attur ghazel l-impieg mal-Maltapost.

Fit-23 ta` April 2001, l-attur kien mixli, flimkien ma` ohrajn, fil-qorti b`assocazzjoni ghall-bejgh jew traffikar, importazzjoni u pussess ta` droga. L-attur spicca involut ghaliex gabar mill-posta ghal haddiehor pakkett bi droga li kien qieghed jigi investigat mill-pulizija. Fit-28 ta` Marzu 2008, l-attur kien liberat minn kull imputazzjoni u piena b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Minn din is-sentenza ma kienx hemm appell u ghalhekk ghaddiet in gudikat.

Fit-23 ta` April 2001, l-attur kien impjegat mal-Maltapost. Billi tressaq il-qorti mixli b`reati kriminali, huwa

kien sospiz mix-xoghol, u skond il-ftehim kollettiv bejn il-union u l-kumpannija vigenti dak iz-zmien, huwa beda jithallas nofs is-salarju.

Fl-2003, sar process ta` ristrutturazzjoni fil-Maltapost li wassal ghal tnaqqis fin-numru ta` impjegati. Bhala rizultat ta` ftehim li sar bejn il-Gvern, il-Unions u l-Maltapost, dawk il-haddiema li qabel kienu impjegati mal-Gvern inghataw ic-cans li jmorru lura jahdmu mal-Gvern, bid-dritt illi jzommu s-salarju li kellhom mal-Maltapost, u bid-dritt illi z-zmien li damu jahdmu mal-Maltapost jitqies bhala snin ta` servizz mal-Gvern. Fl-10 ta` Dicembru 2003, l-attur ghazel li jmur lura mal-Gvern. Fil-fatt rega` dahal fl-impieg mal-Gvern izda baqa` jithallas nofs is-salarju, pendenti l-esitu tal-kawza kriminali. L-istess kif kien meta kien ghadu jahdem mal-Maltapost. B`effett mid-data tas-sentenza tal-qorti, il-Gvern hallas lill-attur in-nofs l-iehor tas-salarju li kien baqa` mizmum pendenti l-esitu tal-kawza bejn l-10 ta` Dicembru 2003 (data li fiha l-attur mar lura mal-Gvern mill-Maltapost) u t-28 ta` Marzu 2008 (data tas-sentenza tal-qorti). Ghalhekk l-ebda salarju ma` huwa dovut lir-rikorrent ghal dak il-perjodu.

**Il-kawza tal-lum tirrigwarda l-hlas ta` nofs is-salarju tal-attur ghaz-zmien ta` bejn it-23 ta` April 2001 u d-9 ta` Dicembru 2003**. L-attur qieghed jirreklama l-hlas minghand iz-zewg konvenuti (jew min minnhom) ghaliex it-tnejn irrifjutaw li jeffettwaw il-hlas. Filwaqt illi l-Gvern qieghed ighid li m`ghandux ihallas ebda parti mis-salarju tal-attur ghaz-zmien in kwistjoni ghaliex l-attur ma kienx impjegat tal-Gvern f`dak il-perijodu, Maltapost mhux biss qeghda tghid illi ma ghandha taghti xejn lill-attur, izda eccepiet ukoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici abbazi ta` tliet disposizzjonijiet distinti tal-ligi. In vista tal-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni, din il-Qorti sejra tittratta u tiddeciedi l-ewwel dawn l-eccezzjonijiet, qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu, jekk ikun il-kaz.

**Ikkunsidrat :**

## III. Generali dwar il-preskrizzjoni

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel konsiderazzjonijiet ta` dritt ta` natura generali, li pero` huma rilevanti ghall-kawza tal-lum, qabel tghaddi biex tqis kull wahda mit-tliet eccezzjonijiet ta` preskrizzjoni.

### A. Il-prova tal-preskrizzjoni

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe**" kien ritenut illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet –

"*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

**B. Tifsira restrittiva**

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**C. Dekorrenza**

**L-Art.2137 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta` l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**",

deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

It-terminu tal-preskrizzjoni jista` jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta` dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Art.2125, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Frar, 1965 u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

***"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere."***

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

***"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"***

**Ikkunsidrat :**

**IV. L-Art.47(1) tal-Kap.452**

Maltapost plc eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Art.47(1**) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (**Kap.452**) li jaqra hekk –

*Procedimenti ghal reat skont dan l-Att jew skont xi regolamenti jew ordnijiet maghmulin tahtu jistghu jinbdew f`kull zmien fi zmien sena mill-ghemil tar-reat.*

Huwa car u manifest illi l-azzjoni attrici hija azzjoni ghall-hlas ta` salarji, u ghalhekk ma tinkwadrax ruhha fid-disposizzjoni citata *in via di eccezione* minn Maltapost plc.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta` l-preskrizzjoni ta` Maltapost plc skond l-Art.47(1) tal-Kap.452**.

**Ikkunsidrat :**

**V. L-Art.2147(c) tal-Kap.16**

Maltapost plc eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Art.2147(c) tal-Kap.16** li jaqra hekk –

*l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta` l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu* jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta` sena.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-analizi akkurata li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] ta` din il-preskrizzjoni partikolari fis-sentenza taghha tal-11 ta` Lulju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **"Vella et vs Korporazzjoni Enemalta"** u li din il-Qorti tikkondividi anke fil-prospettiva avvanzata minn dik il-Qorti ghal aggornament tal-legislazzjoni taghna fis-sens li ma jkunx hemm aktar distinzjoni bejn haddiema li jithallsu bix-xahar u haddiema li jithallsu ghal zmien iqsar, u dwar kif ghandhom jigu nterpretati sabiex jaghmlu sens id-

disposizzjonijiet rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju.

Fiz-zmien ta` bejn it-23 ta` April 2001 u d-9 ta` Dicembru 2003, kien hemm zewg ftehim kollettivi ghall-impjegati tal-Maltapost. Kopji taz-zewg ftehim kienu esebiti mill-Av. Aaron Zammit Apap, rapprezentant ta` Maltapost plc : id-Dok AZA1 (fol 61 sa fol 94) kien il-ftehim kollettiv mal-General Workers Union li kien jipprecedi fiz-zmien lid-Dok AZA2 (fol 95 sa fol 118) li kien il-ftehim kollettiv li sar mal-Union Haddiema Maghqudin. Dan tal-ahhar kien ikopri z-zmien ta` bejn 1 ta` Mejju 2001 u l-31 ta` Dicembru 2004.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li l-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet dwar in-natura guridika ta` l-ftehim kollettiv fis-sentenza taghha moghtija fis-27 ta` Frar 2009 fil-kawza **“Silvio vs Corinthia Palace Company Limited”** –

*Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b`mod generali r-rapporti tax-xoghol ta` kategorija ta` haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta` gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati.*

Ghax ir-relazzjoni guridika li tirrizulta minn ftehim kollettiv mhux biss tikkostitwixxi kuntratt bejn il-firmatarji, izda torbot ukoll lill-haddiema membri ta` dik il-union li tkun ftehmet ghan-nom taghhom mal-principal taghhom (Qorti tal-Appell – **“Sammut vs Vassallo noe”** – 19 ta` Mejju 2000).

Naturalment ghax ftehim kollettiv huwa kuntratt, japplika ghalih ukoll il-principju ewlieni tal-istatut tal-kuntratti li *l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.* (Qorti tal-Appell – **"Beacom et vs Spiteri Staines"** - 5 ta` Ottubru 1998) –

Fid-Dok AZA1, il-hlas tas-salarji kien regolat bl-Art.7.4 tal-ftehim. L-ewwel disposizzjoni ta` dak l-artikolu tghid illi *ir-rati tas-salarji fis-sena ghandhom ikunu dawk kif murija f`Appendici 1 mehmuz u li jaghmel parti minn dan il-ftehim. Kull impjegat ghandu jiehu dak is-salarju li jikkorrispondi mal-grad tieghu.* It-tieni disposizzjoni tghid illi *l-haddiema kollha jircievu s-salarju kull xahar u jithallsu fl-ahhar gimgha tax-xahar.* L-Appendici 1 juri d-diversi skali salarjali, il-gradi u s-salarju basi annwu ghal kull grad. Disposizzjoni simili tirrizulta fil-ftehim kollettiv l-iehor Dok AZA2. Av. Aaron Zammit Apap xehed hekk a fol 58 : *"Il-paga naturalment kienet tidhol kull xahar, pero` ahna fil-ftehim kollettiv tal-kumpanija hemm skeda fil-Collective Agreement li skond l-iskala ta` l-impjegat hemm il-paga annwali, is-salarju annwali tieghu".*

Il-ftehim kollettivi esebiti huma l-ahjar prova tal-kondizzjonijiet tal-impieg tal-attur. Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti li s-salarju ma kienx patwit bix-xahar izda bis-sena kalendarja. Il-fatt li mbaghad il-*procedura tal-pagamenti* jew il-modalita` tal-hlas kienet issir kull l-ahhar Gimgha ta` kull xahar hi kwistjoni ohra. Mhux importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat huwa mqassam matul is-sena u cioe` l-frekwenza tal-hlas sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli. (**"Abela vs Spiteri noe"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 22 ta` Frar 2002). Il-preskrizzjoni skond l-Art.2147(c) tal-Kap.16 mhijiex applikabbli ghal-kaz odjern.

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` Maltapost plc skond l-Art. 2147(c) tal-Kap. 16**.

**Ikkunsidrat :**

**VI. L-Art.2148(d) tal-Kap.16**

Maltapost plc eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Art.2148(d) tal-Kap.16** jaqra hekk –

*L-azzjonijiet ta` dawk imhallsin bis-sena ghall-hlas tas-salarju taghhom*
*jaqghu bil-preskrizzjoni ta` tmintax-il xahar.*

Kien jinkombi lil Maltapost plc li taghmel il-prova illi l-azzjoni attrici kienet preskritta abbazi ta` din id-disposizzjoni. Mill-atti pero` din il-prova ma tirrizultax. Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-atturi fissru ghala l-azzjoni taghhom ma kenitx preskritta skond dik id-disposizzjoni. Fit-twegiba taghha ghan-nota attrici, Maltapost plc ma taghmel l-ebda riferenza ghall-eccezzjoni ta` preskrizzjoni taghha skond din id-disposizzjoni – kif del resto lanqas ma ghamlet fil-kaz taz-zewg eccezzjonijiet l-ohra ta` preskrizzjoni.

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li kif l-attur tressaq il-qorti mixli b`akkuzi kriminali huwa kien sospiz minn Maltapost plc u tpogga fuq nofs paga skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-ftehim kollettivi. Baqa` bin-nofs paga anke wara li ntemm l-impieg tieghu ma` Maltapost plc u rega` lura ghall-impieg mal-Gvern sakemm kien deciz finalment il-kaz kriminali fit-**28 ta` Marzu 2008**. Minn dakinhar, u minn dakinhar biss, skatta l-jedd ta` l-attur li jfittex biex jithallas in-nofs paga li kienet inzammet matul iz-zmien kemm dam pendenti l-kaz tieghu l-qorti. Thallas in parti n-nofs salarji mankanti. Baqa` ma thallasx taz-

zmien **in kwistjoni** minhabba konflitt bejn iz-zewg konvenuti.

Ghalkemm fir-rikors guramentat, l-attur talab il-hlas tal-ispejjez ta` ittra ufficjali li jghid li pprezenta f`April 2008, mhux biss ma ndikax id-data ta` dan l-att gudizzjarju izda lanqas ipprezenta kopja legali ta` din l-ittra ufficjali. Ghalhekk l-unika ittra ufficjali li taghha pprezenta kopja kienet dik tat-22 ta` Ottubru 2008 li kienet notifikata lil Maltapost plc fit-**28 ta` Ottubru 2008** (fol 18 sa fol 21). L-effett ta` n-notifika ta` din l-ittra ufficjali kien illi jinterrompi l-preskrizzjoni u ghalhekk il-preskrizzjoni rega` skattat fit-28 ta` Ottubru 2008..

Bil-presentata tat-talba gudizzjarja fil-**15 ta` Marzu 2010** u allura *entro* t-18-il xahar, taqa` kull kwistjoni ta` preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art.2148(d) tal-Kap.16.

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` Maltapost plc skond l-Art.2148(d) tal-Kap.16**.

**Ikkunsidrat :**

**VII. Risultanzi dwar il-mertu**

Fil-perijodu in kwistjoni u cioe` dak ta` bejn it-**23 ta` April 2001 sad-9 ta` Dicembru 2003** mhuwiex kontestat illi l-attur kien impjegat ta` Maltapost plc.

Wara li kien liberat mill-qorti minn kull akkuza u piena fit-28 ta` Marzu 2008, u allura fiz-zmien meta l-attur kien rega` lura fl-impieg mal-Gvern, il-Gvern nehha l-interdizzjoni tal-attur. Infatti a fol 274 hemm esebita bhala

Dok H rakkomondazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku datata 12 ta` Mejju 2008 illi tghid – *"The Commission recommends that the interdiction imposed on Mr Ruben Scicluna (ID 36172M), Postal Operator, be lifted and that the amount of salary withheld during the period of his interdiction be refunded."* In segwitu, l-Ufficcju tal-Prim Ministru b`ittra datata 22 ta` Mejju 2008 (Dok A) [fol 30] iddikjara – *"The Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, has approved on 19 May 2008 that the interdiction of Mr Reuben Scicluna be lifted and that the amount of salary withheld during the period of his interdiction be refunded"*

Fid-deposizzjoni tieghu tat-3 ta` Frar 2011, Gejtu Vella li kien Segretarju Generali tal-Union Haddiema Maghqudin xehed illi kienet *procedura normali li l-haddiema li jkunu sospizi mix-xoghol ghal xi nvestigazzjoni jithallsu nofs is-salarju, jekk jinstabu li mhumiex hatja jithallsu l-kumplament.*

Eric Serracino mill-Ufficcju tar-Rizorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika xehed illi (ara fol 251) –

*"Is-Sur Reuben Scicluna kien wiehed minn dawk l-ufficjali pubblici li f` Ottubru 2000 kien iddecieda li jiehu impjieg permanenti mal-Maltapost u konsegwentement qata` kull rabta mas-Servizz Pubbliku. (Dok C). Meta s-Sur Scicluna tressaq il-Qorti ghall-ewwel darba fl-24 ta` April 2001, huwa ma` kienx ghadu meqjus bhala ufficjal pubbliku. Fil-fatt, meta tressaq il-Qorti, il-Maltapost kienet iddecidiet li tissospendih mid-dmirijiet tieghu u dan sar bis-sahha tal-Ftehim Kollettiv li kien fis-sehh fil-Maltapost dak iz-zmien.(Dok D).*

*Meta s-Sur Scicluna kien gie misjub mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, l-interdizzjoni tieghu kienet giet imnehhija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku permezz ta` rakkomandazzjoni li kienet approvata mill-Prim Ministru fl-19 ta` Mejju 2008. Fir-rakkomandazzjoni taghha, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet*

*qalet ukoll sabiex `the amount of salary withheld during the interdiction be refunded (Dok H). Ghaldaqstant, l-Ufficcju taghna kien hareg struzzjonijiet sabiex is-Sur Scicluna jiddahhal lura ghax-xoghol u jkun rifuz in-nofs paga li nzammitlu mill-10 ta` Dicembru 2003 (il-gurnata meta gie lura fis-Servizz Pubbliku) sal-1 ta` Gunju 2008 (gurnata qabel id-data li rega dahal jahdem wara li tnehhiet l-interdizzjoni) (Dok I).*

*Nixtieq nghid illi ghaddiet korrispondenza mas-Sur Scicluna dwar in-nofs paga li nzammitlu meta kien ghadu impjegat tal-Maltapost, jigifieri il-perjodu ta` bejn l-<u>24 ta` April 2001 u d-9 ta`</u> <u>Dicembru 2003</u>. Il-pozizzjoni tal-Ufficcju taghna kienet illi l-paga bejn dak il-perjodu kellha tkun rifuza mill-Maltapost peress illi f`dak il-perjodu hu kien impjegat tal-Maltapost u mhux tas-Servizz Pubbliku (Dok J). Apparti minn hekk, dan l-Ufficcju jhoss illi jekk jirrifondi dawn il-flus, l-Ufficcju taghna jkun qed jikser ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku illi kienet tghid car u tond illi l-flus li nzammu waqt l-interdizzjoni biss ghandhom ikunu rifuzi lis-Sur Scicluna."*

Ghal din il-Qorti, u b`riferenza ghan-nota ta` sottomissjonijiet ta` Maltapost plc, id-decizjoni tal-Gvern, wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, li ddahhal lura ghax-xoghol lill-attur u thallsu n-nofs tas-salarji tieghu li ma thallasx kemm dam sospiz wara li rega` lura fl-impieg mal-Gvern, ma ghandha tincidi propju xejn fuq il-posizzjoni ta` Maltapost plc.

Centrali tibqa` l-kwistjoni jekk ladarba l-attur kien liberat minn kull imputazzjoni u piena, ladarba kien impjegat ma` Maltapost plc meta kien mixli l-qorti, u ladarba kienet Maltapost plc li ssospendiet lill-attur u poggietu fuq nofs paga ghax kien mixli l-qorti, ghandhiex tkun Maltapost plc, u hi biss, li li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni attrici.

It-twegiba ta` din il-Qorti hija li r-responsabilita` tal-hlas tan-nofs salarju ghaz-zmien in kwistjoni tibqa` ta` Maltapost plc.

Dejjem b`riferenza ghan-nota ta` osservazzjonijiet ta` Maltapost plc, din il-Qorti tghid illi xejn ma kien izomm lil Maltapost plc milli tiehu proceduri ta` dixxiplina kontra l-attur wara li kien mixli l-qorti b`akkuzi kriminali. Maltapost plc ma tistax tiehu vantagg mill-fatt illi ghax ma hadet l-ebda proceduri ta` dixxiplina kontra l-attur issa tallega li d-decizjoni tal-Gvern wara s-sentenza tal-qorti ppregudikat lilha.

Fil-verita` id-decizjoni tal-Gvern b`ebda mod ma ppregudikat lil Maltapost plc. Ladarba Maltapost plc ma hadet l-ebda proceduri ta` dixxiplina kontra l-attur meta kien ghadu fl-impieg taghha, ladarba l-attur kien liberat minn kull imputazzjoni u piena, ladarba Maltapost plc issospendiet lill-attur mill-impieg u poggietu fuq nofs paga propju ghaliex kien mixli l-qorti b`akkuzi kriminali, u ladarba ma hemm l-ebda raguni fondata fid-dritt ghala wara li l-attur kien liberat minn kull imputazzjoni u piena Maltapost plc m`ghandhiex thallas in-nofs paga tal-attur kemm dam sospiz u fl-impieg taghha, it-talba attrici kontra Maltapost plc hija fondata fil-fatt u fid-dritt u l-eccezzjoni taghha fil-mertu ghandha tkun respinta.

Ghar-rigward tal-ammont dovut lill-atturi ghaz-zmien in kwistjoni, l-attur ipprezenta l-FS 3`s tieghu ghall-erba` snin ta` bejn l-2000 u l-2003. Fl-2001, il-paga bazi shiha fil-gimgha kienet Lm92.40. Thallas paga shiha ghal 18-il gimgha u nofs paga ghal 35 gimgha. Mela n-nofs paga kienet tammonta ghal Lm49.88. Li jfisser li ghall-2001 l-attur garrab telf ta` paga ta` <u>Lm1745.80</u> (Lm49.88 x 35). Fl-2002, kien fuq nofs paga s-sena kollha. Ha nofs paga ghal dik is-sena ta` Lm46.95 fil-gimgha. Li jfisser illi tilef l-ammont ta` <u>Lm2441.40</u> (Lm46.95 x 52). Fl-2003, ma thallasx nofs paga fl-ammont ta` <u>Lm2603.37</u> (Lm53.13 x 49). Tilef ghalhekk b`kollox fiz-zmien in kwistjoni s-

somma globali ta` Lm6790.57 ekwivalenti ghal **€15,817.77**.

Fir-rikors guramentat, l-atturi talbu l-hlas tal-imghax b`effett mit-23 ta` April 2001. Kif dedotta, din it-talba qeghda tkun respinta. Fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, l-atturi kellhom ikunu jafu bl-ezatt kemm kien l-ammont ta` salarju li baqa` mizmum bejn it-23 ta` April 2001 u d-9 ta` Dicembru 2003. Sahansitra gabu bhala prova d-dokumenti fiskali. Ghalhekk ma kien hemm propju xejn li kien izomm lill-atturi milli jitolbu l-hlas ta` ammont gia` likwidat. Ladarba ma sarx hekk u saret talba mill-atturi stess ghall-hlas ta` ammont *da liquidarsi,* din il-Qorti hija tal-fehma illi l-principju "*in illiquidis non fit mora*" ghandu japplika fil-kaz tal-lum u ghaldaqstant l-imghax ghandu jibda jghaddi b`effett mil-lum.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` l-konvenuta Maltapost plc skond l-Art.2147(a) tal-Kap.16 stante rinunzja.**

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` l-konvenuta Maltapost plc skond l-Art.47(1) tal-Kap.452**.

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` l-konvenuta Maltapost plc skond l-Art. 2147(c) tal-Kap. 16**.

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` l-konvenuta Maltapost plc skond l-Art. 2148(d) tal-Kap. 16**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u tillikwida s-somma ta` hmistax-il elf tmien mija u sbatax-il Ewro sebgha u sebghin centezmu (€15,817.77) bhala l-ammont ta` l-hlas dovut lill-atturi ghal nofs is-salarju li l-attur baqa` ma thallasx ghaz-zmien ta` bejn it-23 ta` April 2001 u d-9 ta` Dicembru 2003.**

**Tilqa` t-tielet talba u tiddikjara illi l-konvenuta Maltapost plc hija responsabbli ghall-hlas ta` din is-somma.**

**Tilqa` r-raba` talba u tikkundanna lil Maltapost plc sabiex thallas lill-atturi s-somma ta` hmistax-il elf tmien mija u sbatax-il Ewro sebgha u sebghin centezmu (€15,817.77) bhala l-ammont ta` l-hlas dovut lill-atturi ghal nofs is-salarju li l-attur baqa` ma thallasx ghaz-zmien ta` bejn it-23 ta` April 2001 u d-9 ta` Dicembru 2003, u dan bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-konvenuta Maltapost plc sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------